(b) meta l-provvista ma tkunx saret lil parti mill-forzi armati ta' membru tan-NATO stazzjonat jew fi żjara fir-Renju Unit jew lil persunal ċivili li jakkumpanja lil tali forzi?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (ĠU L 347, p. 1)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fis-16 ta' Mejju 2011 — Expedia Inc. vs Autorité de la concurrence, Ministre de l'Économie, de l'Industrie et de l'Emploi, Société nationale des chemins de fer français (SNCF), Voyages-SNCF.Com, Agence Voyages-SNCF.Com, VFE Commerce, IDTGV**

**(Kawża C-226/11)**

(2011/C 211/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation (Franza).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Expedia Inc.

*Konvenuti:* Autorité de la concurrence, Ministre de l'Économie, de l'Industrie et de l'Emploi, Société nationale des chemins de fer français (SNCF), Voyages-SNCF.Com, Agence Voyages-SNCF.Com, VFE Commerce, IDTGV

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 101(1) TFUE u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1/2003 ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu milli jsiru proċeduri kontra u milli jingħataw sanzjonijiet minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni fuq il-bażi kemm tal-Artikolu 101(1) TFUE kif ukoll tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' prattiċi ta' ftehim, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriża jew prattiċi miftiehma li jistgħu jaffetwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, iżda li ma jilħqux il-livelli stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha tat-22 ta' Diċembru 2001 dwar ftehim ta' importanza minuri li ma jirrestringux b'mod apprezzabbli l-kompetizzjoni taħt l-Artikolu 81(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (*de minimis*) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8 Vol. 2 p. 125)?

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8 Vol. 2 p. 205).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-16 ta' Mejju 2011 — Melzer vs MF Global UK Ltd**

**(Kawża C-228/11)**

(2011/C 211/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Melzer

*Konvenuta:* MF Global UK Ltd

**Domanda preliminari**

Fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 ([1]), fil-każ ta' parteċipazzjoni transkonfinali ta' diversi persuni fl-istess att illegali, huwa possibbli li għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq tittieħed inkunsiderazzjoni determinazzjoni alternattiva tal-post fejn ikun twettaq l-att?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2011 minn Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Marzu 2011 fil-Kawża T-589/08, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-235/11 P)**

(2011/C 211/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentanti: N. Korogiannakis, M. Dermitzakis, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni (DG ENVI) li tiċħad l-offerti mressqa mill-applikant għal kull wieħed mit-tliet lottijiet fil-kuntest tas-sejħa għal offerti miftuħa DG ENV.C2/FRA/2008/0017 "Kuntratt qafas dwar is-sistema tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni — CITL/CR" (2008/S 72-096229) u li dawn l-kuntratti jingħataw lil offerent ieħor,